

# Is-Sette Giugno ...mill-Belt Valletta għall-Ħamrun u Ħal Qormi

*Suldati Ingliżi jinġabru quddiem il-Qorti fil-Belt hekk kif il-folla bdiet turi l-għadab tagħha nhar is-7 ta' Ġunju 1919.*

Ilkoll ġieli smajna bis-Sette Giugno, jekk xejn minħabba li l-anniversarju ta' dan l-avveniment nazzjonali joffri btala pubblika. F'dan l-avveniment infakkru partikolarment is-sitt vittmi li tilfu ħajjithom waqt l-irvellijiet jew fil-jiem ta' wara. Ħafna jassoċjaw dawn l-irvellijiet mal-prezz tal-ħobż fi żmien wara l-Gwerra l-Kbira (1914-1918). Iżda kemm fil-verità kien il-prezz tal-ħobż ir-raġuni ta' dawn l-irvellijiet li mill-Belt kapitali nfirxu f'lokalitajiet oħra fosthom il-Ħamrun u Ħal Qormi?

Sa minn qabel il-gwerra, kien hawn faqar kbir u fl-1906 saħansitra l-qassisin wettqu 'azzjoni industrijali' (*strike*) f'talba għal żieda ta' *sixpenny* kull quddiesa li jiċċelebraw u fl-1907 azzjoni simili saret mill-ħaddiema tat-tramm. F'nuqqas ta' investiment, l-unika entità li tħaddem in-nies kien prattikament il-Gvern kolonjali u b'hekk ma kienx faċli li l-ħaddiem jiġġieled għad-drittijiet tiegħu f'pajjiż b'nuqqas kbir ta' opportunitajiet ta' impjieg.

"Kien hawn faqar kbir u fl-1906 saħansitra l-qassisin wettqu 'azzjoni industrijali' f'talba għal żieda ta' *sixpenny* kull quddiesa li jiċċelebraw u fl-1907 azzjoni simili saret mill-ħaddiema tat-tramm."

L-1914 rat ħafna taqlib politiku fl-Ewropa li wassal għall-Gwerra l-Kbira. Iżda f'kuntrast ma' dak li ġara f'pajjiżi oħra, il-Maltin iċċelebraw fit-toroq tal-Belt Valletta meta fl-4 ta' Awwissu 1914 tħabbar li l-Imperu Ingliż kien ser jipparteċipa fi gwerra li involviet diversi pajjiżi Ewropej. Għalkemm b'simpatiji ta' politika differenti, iż-żewġ baned tal-Belt Valletta ħarġu jiċċelebraw dik l-aħbar b'marċ spontanju, meta l-poplu kien qed jittama li l-gwerra kienet ser toħloq impjiegi ġodda f'Malta. Fil-verità dan seħħ u l-impjiegi fid-*Dockyard* waqt il-gwerra żdiedu minn ftit aktar minn 5,100 għal madwar 16,000.




*It-tramm*

Bosta Maltin sabu impjiegi oħra bħal fl-isptarijiet meta fl-1915 bdew jaslu numru kbir ta' suldati midruba li huwa mifhum

li ammontaw għal madwar 80,000. Dan apparti numru ta' refuġjati u priġunieri li ngabu Malta li ħallew impatt fuq l-ekonomija. It-tibdil wassal biex l-inħawi madwar il-Port il-Kbir jżidu l-popolazzjoni, diversi Maltin li kienu emigraw biex ifittxu xogħol eżempju f'Tuneż u l-Alġerija, irritornaw Malta u sabu impjieg filwaqt li setgħu jerġgħu jingħaqdu mal-familjari tagħhom. Bosta nisa u tfajliet żgħar bdew ukoll jiġu mpjegati f'xogħol varju b'mod li l-gwerra indirettament daħlet ċertu tibdil f'kuntrast mad-drawwiet tradizzjonali.

Iżda matul il-gwerra tfaċċaw piżijiet ġodda u filwaqt li b'mod ġenerali l-pagi tal-ħaddiema kienu żdiedu biss b'10%, il-prezzijiet tan-neċessitajiet bażiċi kienu żdiedu bil-wisq aktar. Il-prezz tal-ħobż kien żdied b'125%, il-ħxejjex b'200%, il-ħalib b'200% u l-laħam b'250%. Il-prodotti neċessarji għall-għajxien ta' kuljum ma kinux biss għoljin iżda bosta drabi skarsi jew ta' kwalità inferjuri. Fis-7 ta' Mejju 1917 l-*Imperial Government Workers Union* (I.G.W.U.) sejħet azzjoni industrijali ta' erbat ijiem fid-*Dockyard* li ġie fi tmiemu bl-intervent tal-Isqof Mauro Caruana u l-għotja ta' 50% żjieda fil-*War Bonus*.

Iżda dokumenti kunfidenzjali u li saru aċċessibbli fl-aħħar snin juru li l-Ingliżi kienu konxji mill-pagi miżeri tal-Maltin u li l-poplu kien f'diversi każi mġewwaħ, bosta missirijiet kellhom aktar minn impjieg wieħed u xorta ma jlaħħqux mal-ħajja bażika filwaqt li jirrikorru għal dejn jew bejgħ ta' affarijiet sentimentali. Iżda għalkemm ingħata wkoll il-*Bread Rebate*, xorta waħda d-dħul finanzjarju tal-poplu kien baqa' miżeru meta l-paga ta' *labourer* kienet ta' 14s fil-ġimgħa u din titla' biss bi ftit każijiet għal madwar 26s lil ċertu ħaddiema tas-sengħa.


Malta Tagħna

IL PATATA

Haun vuol tigri mas-sakaju li sejrin barra 2,000 tunellata patata, u li din, sejra tgholi aenua, habta u sabta. U va bene, imur la ma nistghux inzommuha! Imma imissa tmur mita tigi minn barra xi 2,000 tunellata tkiek b'irhis, li almenu il hobs isir 4 soldi ir-ratal minghajr it-tahlit tar-ross. Ma tigix uahda li ma tcunx contra il fkir! Min ghandu ir-riedni f'idejh jaf li il fkir minghejr bajt u laham jghaddi, imma bla patata, lè. Mita il fkir ma icollux, imbaghad il hobs irhis, jintexx fil patata. Lè lè, Sur Gvern, thallix il patata is-siefer kabel tati permess lil poplu li jista jgib tkiek u laham, chem irid hu u minn fejn irid hu. Ftacar li cull fejn kamo il popli giera l'ghaliex chienu mahkurin mil gvern tahhom.

Il Cunsilieri u rohs il hobz

IL HOBZ JISTA JORHOS?

Uahda mill magni tat-tkiek keghda taghamel economia cbira, min ficc keghda tahdem bil faham bhal l'ohrain, giebet mutur famus u keghda tahdem bil-luce elettrica, u li spejjes tal consum ta din fejn il faham, hua ta prezz zghair ferm. Ahna nosservau li b'dana collu il prezz tal hobs baka li stess, u nissopponu ncoll li jista' jitrahhas, imma ghandu icun, din il magna ma rahhsitux ghax jecc l'autorità tcun taf bid-differenza tal prezzijet iggighel lil ohrain irahsuh ucoll. Hemm xi hadd li jehu hsieb livverifica dan li keghedin inghejdu!

*Partijiet mir-rappurtaġġ fil-gazzetti ta' qabel is-7 ta' Ġunju 1919*

Ġaladarba l-gwerra ġiet fi tmiemha fil-11 ta' Novembru 1918 il-*U-Boats* Ġermaniżi ma baqgħux theddida għall-importazzjoni ta' prodotti varji bħall-qamħ iżda is-sitwazzjoni xorta baqgħet prekarja. Filwaqt li matul il-gwerra ċertu Maltin kienu jillapazzaw mal-ħajja permezz ta' 'skart' (drappijiet u ikel varju) minn sptarijiet militari, darba l-isptarijiet bdew jagħlqu u xi Maltin ġew f'dilemma. Bejn Settembru tal-1918 u Marzu tal-1919, 651 persuna f'Malta (3 minn kull 1000) tilfet ukoll il-ġlieda mal-ħajja b'riżultat tal-influwenza Spanjola prinċipalment minħabba nuqqas ta' iġjene u nutrizzjoni ħażina fost il-poplu.

Il-paċi kienet ġabet magħha numru kbir ta' sensji u skont l-Ammiraljat, minn 16,000 ħaddiem fid-*Dockyard* kienu meħtieġa biss 5,000 ħaddiem, bil-qgħad jilħaq in-numru ta' 20,000 persuna. L-unika pjan għal Malta mill-amministrazzjoni Ingliża jidher li kien dak ta' emigrazzjoni tal-massa fost l-oħrajn lejn il-Palestina li fl-1917 kienet spiċċat f'idejn l-Ingliżi li bdew jissuġġerixxu twaqqif ta' komunità Maltija fl-Art Imqaddsa. Iżda

għalkemm bejn l-1919 u l-1920 emigraw mal-10,000 persuna lejn destinazzjonijiet varji, fl-emigrazzjoni wkoll kien hemm diversi problemi.

Għalkemm f'Awwissu tal-1917 twaqqfet il-*Food Control Police Section*, kien hemm abbużi kbar fi prodotti tal-ikel u fost l-oħrajn il-ħobż beda jsir bir-ross mitħun flok dqiq mill-qamħ. Dan wassal għal każi ta' debbulizza anke f'każ li l-poplu jiekol l-istess ammont ta' ħobż fil-ġurnata meta l-ħobż kien l-ikel bażiku tal-poplu. Fil-gazzetta *L-Unjoni Maltija* tas-Sibt 22 ta' Marzu 1919, it-Tabib Gian Feliċ Inglott (1848-1919) minn Bormla kiteb:

...bħala tabib li nidħol kullimkien saħansitra fl-aktar gebubi miżerabbli fejn jinġabar il-faqar, nista' ngħid li smajt b'widnejja trabi jgħidu 'l ommhom: "Ma bil-ġuħ!" Din l-għajta hija xafra mixwija f'qalb dik l-omm li bid-dmugħ f'għajnejha qaltilhom, "M'għandix ħobż x'nagħtikom". Bis-seba' soldi r-ratal, biex ixxebba' seba' jew tmint itfal, mhux paga ta' żewġ xelini kuljum trid għal dak il-povru missier li joħroġ minn filgħodu u jibqa' jaħdem sa filgħaxija - u minn dawn ix-xeni aħna t-tobba naraw kuljum iżda ma jistgħux jarawhom dawk li huma fil-għoli...

F'dan iż-żmien diffiċli, il-partiti politiċi kienu għadhom entitajiet żgħar u għalkemm il-Partit Nazzjonalista kien twaqqaf, kien jiddependi mill-involviment ta' ftit professjonisti. Dan filwaqt li l-Partit tal-Ħaddiema jaf il-bidu tiegħu mill-ġrajjiet tas-Sette Giugnio. Minn dokumenti kunfidenzjali jidher li l-Ingliżi kienu konxji li l-Maltin ma kinux f'pożizzjoni li jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom u kien hemm bżonn ta' edukazzjoni obbligatorja biex il-poplu javvanza. Dawn kienu l-argumenti li Manuel Dimech (1860-1921) regolarment tkellem dwarhom f'neċessità biex tinkiseb l-Indipendenza intellettwali, ekonomija u politika. Iżda Dimech kien ġie eżiljat mill-Ingliżi fl-Eġittu fl-1914 fuq akkużi ta' tradiment favur il-Ġermanja.

Dan filwaqt li fl-1917 Enrico Mizzi (1885-1950) kien diġà għadda qorti marzjali fuq akkużi ta' tradiment favur l-Italja. L-Ingliżi kienu konxji li l-partit ta' Mizzi beda juża l-kustjoni tal-lingwa Taljana bħala l-lingwa uffiċjali (mhux l-Ingliż) biex jiġġieled l-impożizzjoni tal-Ingliżi b'ċertu tattika politika. B'hekk ippruvaw jassoċjawh mal-politika Faxxista sa minn qabel Benito Mussolini (1883-1945) ħa t-tmexxija tal-Italja (fl-1922). F'dan ix-xenarju politiku, ittra fil-gazzetti mit-Tabib Filippo Sciberras sejħet għall-Assemblea Ġenerali li fiha pparteċipaw ukoll diversi każini tal-baned.



*L-Assemblea Nazzjonali tiltaqa' fil-Giovine Malta taħt il-Presidenza ta' Filippo Sceberras*



*Suldati Ingliżi jirtiraw lejn il-Qorti wara li fetħu n-nar fuq il-folla*

Il-Maltin kien ilhom jingħataw il-ġenb mill-amministrazzjoni Ingliża f'Malta u b'hekk f'sitwazzjoni ta' faqar kbir, amministrazzjoni minn



*Skizz ta' Ġanni Vella li ra b'għajnejh ferut jiddaħħal fl-Assemblea Nazzjonali*

politikanti Maltin setgħet biss tagħti aktar importanza lill-Maltin f'darhom. L-Assemblea kellha titlob kostituzzjoni ġdida għall-amministrazzjoni mill-Maltin f'ċertu oqsma politiċi iżda l-Ingliżi bdew jibżgħu mill-impatt li kellu Mizzi fuq l-Assemblea, li skont huma, kien qed jaspira għall-indipendenza politika għal Malta aktar minn sempliċiment kostituzzjoni ġdida.

L-ewwel laqgħa tal-Assemblea kienet nhar il-25 ta' Frar 1919 iżda l-gazzetti taw ħafna aktar pubbliċità għat-tieni laqgħa li saret nhar is-7 ta' Ġunju 1919 b'manifestazzjoni fit-toroq tal-Belt Valletta b'appoġġ għat-talbiet tal-Assemblea. Il-manifestazzjoni spiċċat f'dik li wħud jiddeskrivuha bħala rewwixta li f'xi każijiet kienet tinkorpora elementi xi ftit vjolenti. B'danakollu l-istoriku Prof. Henry Frendo jargumenta li rridu niġġustifikaw ċertu sakkeġġi minħabba li b'hekk xi Maltin iggwadanjaw il-ftit meta kienu miċħuda ħafna għal tant żmien.

L-irvell beda fit-toroq tal-Belt dakinhar tal-laqgħa nhar is-7 ta' Ġunju u kompla l-għada fejn b'kollox inqatlu erba' persuni. Kien hemm ukoll numru ta' feruti u oħrajn arrestati li minn dawn mietu tnejn fil-jiem ta' wara. Fost l-arrestati kien hemm Ċikku Debattista - *Il-Bloqq* u Ġorġ Agius - *Il-Faginu,* it-tnejn minn Ħal Qormi (proċessati 2.7.1919 u kkundannati 5 snin u sena priġunerija rispettivament). Is-sitwazzjoni kompliet tiskala u darba ma' kinitx ikkontrollata, infirxet f'lokalitajiet oħra fosthom fil-Ħamrun u Ħal Qormi.

Nhar it-8 ta' Ġunju filgħaxija madwar 600 persuna, fil-parti l-kbira nies mill-Ħamrun u Ħal Qormi, ħabtu għad-dar u l-mitħna ta' Luigi Farrugia & Sons (aktar tard magħrufa bħala Farsons) fi Triq Irjali l-Ħamrun. Din kienet waħda mill-aktar imtieħen u impjant importanti tal-għaġejjen f'Malta u l-folla kisret jew serqet kulma sabet, fl-assenza tal-pulizija jew militar. Dan id-dannu kien stmat li jammonta għas-somma kbira ta' £37,738.16.8 u kien jinkorpora, fost l-oħrajn tkissir jew serq ta' partijiet minn makkinarju, ħruq ta' erba' vetturi, għamara varja, kif ukoll xi deheb u flus kontanti.

Nhar l-10 ta' Ġunju madwar 800 persuna nġabru wkoll f'Ħal Qormi u ppruvaw jaħbtu għar-residenza u b'theddid li jipperikolaw il-ħajja ta' ċertu Giuseppa Abela, mara ta' Giorgio - *Ta' Felicia,* residenti fi Triq il-Vittorja 219, kif ukoll li jaħbtu għar-residenza ta' Crocifisso Schembri, residenti fi Triq Rossa numru 11. Il-pulizija u l-militar li kienu armati, rażżnu dan l-irvell fejn twaddbu wkoll xi ġebel mill-folla lejn ir-residenzi konċernati. Dwar dan kienu arrestati Paolo Zammit - *Tal-ilma* minn Triq Rossa u Giorgio Schembri - *Tal-Gozzu* minn Triq il-Vittorja (proċessati 23.6.1919) u kkundannati 3 xhur ħabs kull wieħed).

Fl-istess ħinijiet madwar 300 persuna nġabru wkoll fi Triq Rjali l-Ħamrun bl-iskop li jaħbtu għall-ħanut tal-merċa ta' ċertu Ġużeppi Camilleri. Ma' dawn kienu ser jingħaqdu ammont ta' Qriema wara li l-militar baqa' f'rondi ġewwa Ħal Qormi. Iżda l-awtoritajiet indunaw b'dan u xi pulizija flimkien ma' baħrin waslu l-Ħamrun qabel il-folla kompliet tiżdied u b'hekk irnexxielhom jferxuhom.

It-tensjoni damet biex ikkalmat u l-għada filgħodu erba' individwi rrikorrew għall-vjolenza ma' żewġ għassiesa Maltin f'tentattiv li jakkwistaw faħam mill-*Pumping Station* f'Wied is-Sewda, proprjetà tad-Dipartiment tal-*Water Works*. Dwar dan l-inċident kien arrestat ċertu wieħed Borg - *Ta' Bolili* minn Triq Aloisio (proċessati 26.7.1919) u kkundannati xahar u 15-il ġurnata ħabs).

"F'lokalitajiet bħal Ħal Qormi, bosta mir-residenti kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom b'mod dirett jew indirett b'konnessjoni mal-ekonomija relatata mal-port. Residenti f'lokalitajiet oħra aktar 'il bogħod, għalkemm ukoll f'ċertu faqar, kellhom l-għajxien tagħhom ftit aktar stabbli, ibbażat fuq l-agrikoltura jew sajd."

Bejn it-8 u t-18 ta' Ġunju, il-pulizija kienet għamlet diversi tfittxijiet f'residenzi privati fil-Ħamrun u Ħal Qormi b'konnessjoni mas-sakkeġġ mill-proprjetà ta' Farrugia fil-Ħamrun. F'dawn it-tfittxijiet instabu varjetà kbira ta' oġġetti minn dak kollu li wieħed jista' jimmaġina flimkien ma' xkejjer bis-smid, ross u dqiq. F'każ partikolari l-pulizija ssekkwestrat tliet qliezet ta' taħt u sitt frieket li wara rriżulta li dawn ma kinux misruqa u b'hekk ġew irritornati lura.

F'kull każ fejn instabu xi affarijiet, il-persuni suspettati qalu li kienu ġabru l-oġġetti mit-triqat. Xi oġġetti 'suspettati' kienu wkoll instabu wara li ntremew fit-toroq jew fir-raba'. Eżempju ta' dan kienet is-sejba ta' Michele Axisa - *Ta' Beneditt,* li f'bir ġewwa l-għalqa tiegħu biswit Ħaż-Żebbuġ sab fann tal-ħadid li kien proprjetà ta' Farrugia. B'konnessjoni ma' serq mill-mitħna fil-Ħamrun kienu arrestati numru ta' persuni li minnhom ħamsa kienu liberati mill-Qorti filwaqt li mara u tliet irġiel weħlu bejniethom dsatax-il sena u ħames xhur ħabs.

Meta nfakkru l-ġrajjiet tas-Sette Giugno importanti li nkunu nafu li din mhix xi festa ta' xi partit politiku partikolari, iżda ġrajja li seħħet b'riżultat ta' faqar ta' kull għamla li għadda minnu l-poplu Malti. Faqar li kien esaġeratament kiefer partikolarment ma' residenti f'lokalitajiet qrib il-Port il-Kbir. Dan meta f'lokalitajiet bħal Ħal Qormi, bosta mir-residenti kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom b'mod dirett jew indirett b'konnessjoni mal-ekonomija relatata mal-port. Dan filwaqt li residenti f'lokalitajiet oħra aktar 'il bogħod, għalkemm ukoll f'ċertu faqar, kellhom l-għajxien tagħhom ftit aktar stabbli, ibbażat fuq l-agrikoltura jew sajd.

Nota: Jidher li l-familja Abela (ta' Feliċa) li tissemma fl-artiklu kienu kummerċjanti magħrufa u li fis-snin ta' qabel kellhom rabta mal-Każin Pinto iżda li fl-1912 huma kienu protagonisti permezz ta' ċertu Andrea Abela (aktarx missier Giorgio) f'kawża l-Qorti f'isem il-Banda Pinto 'Taz-Zokk' kontra Ġużè Muscat Azzopardi f'isem il-Banda Pinto 'Tal-Qalba' dwar id-dritt tal-isem 'Pinto'. Dan filwaqt li meta nikkonsidraw xi reġistri elettorali u nevalwaw diversi tibdiliet fin-numri tat-toroq fil-lokal, wieħed mill-postijiet li aktarx ġie assedjat waqt il-ġrajjiet tas-'Sette Giugnio' ġewwa Triq il-Vittorja aktarx li kien dak li llum jintuża mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-informazzjoni relatata ġiet mgħoddija lil Vince Peresso biex tkun investigata bħala parti mill-istorja tal-Każin Pinto.

Ref: Cassar Oliver (2012) The June 1919 Riots (Teżi mhux ippubblikata); Fakultà tal-Kriminoloġija - Università ta' Malta.